Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,738, 19 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 454 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 549. 54.

Jemenda r-regolament 14A tar-regolamenti prinċipali. L.S. 549. 63.

2. Fir-regolament 14A tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda 12 tar-Regolamenti dwar l-Iskart"